MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2013

Citazzjoni Numru. 100/2011

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici prezentat fil-25 ta' Marzu 2011 li jaqra hekk:-

1. “Illi l-kontendenti zzewgu fil-Knisja Parrokkjali ta' Santa Liena f' Birkirkara nhar it-12 ta' Lulju 2003 u dana hekk kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok. 'A';

2. Illi miz-zwieg tal-partijiet hemm tifel wiehed bl-isem ta' Kenneth B u li llum ghandu sitt snin;

3. Illi l-hajja konjugali giet resa impossibli minhabba inkompatibilita' ta' karattru, adulterju u abbandun da parti tal-intimat;

4. Illi r-rikorrenti fid-19 ta' Lulju 2010 talbet lir-registratur tal-Qrati Civili (Sezzjoni Familja) tappunta medjatur mil-lista taht ir-Regolament 4(3) tal-Avviz Legali 397/2003 sabiex l-istess medjatur jipprova jwassal il-partijiet ghal ftehim dwar is-separazzjoni;

5. Illi minkejja li saru diversi seduti quddiem il-medjatrici Erica Cutugno il-partijiet ma waslux ghal rikonciljazzjoni u lanqas ghal-separazzjoni konsenswali u dan ghaliex l-intimat dejjem naqas milli jattendi ghal tali seduti;

6. Illi ghalhekk il-medjatrici kellha taghlaq tali medjazzjoni u l-partijiet gew awtorizzati jipprocedu ghas-separazzjoni personali permezz ta' digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) bin-numru datat ta' 2011 hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'B';

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti umilment titlob li, ghar-ragunijiet hawn fuq indikati, din l-Onorabbli Qorti joghgobha;

(1) Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana minhabba ragunijiet imputabbli unikament lill-intimat kif hawn fuq premess;

(2) Tawtorizza lir-rikorrenti tghix separata minn mal-intimat;

(3) Tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri Kenneth tkun moghtija esklussivament lir-rikorrenti;

(4) Tikkundanna lill-intimat ihallas manteniment lir-rikorrenti personali u kif ukoll manteniment ghall-minuri Kenneth;

(5) Tapplika kontra l-intimat is-sanzjonijiet kontemplati fil-ligi fosthom dawk fl-Art 48 et seq tal-Kodici Civili;

(6) Tordna illi l-kirja tal-fond u cioe' l-appartament bl-indirizz ta' Klams Apartments, Flat 2, Triq Nikol Cottoner, Gzira, li kien jintuza bhala l-fond matrimonjali, tigi assenjata esklussivament lir-rikorrenti;

(7) Ixxolji l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tillikwida u taqsam l-istess f'zewg porzjonijiet li jigu assenjati wahda lil kull wiehed mill-partijiet;

(8) Tikkundanna lill-intimat jirrestitwixxi lir-rikorrenti il-proprjeta' kollha parafernali taghha jew il-valur taghhom."

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mar-rikors guramentat.

Rat li l-konvenut ghalkemm gie notifikat baqa' kontumaci.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

**PROVI**.

L-attrici xehdet bil-mezz tal-affidavit[1] illi l-partijiet izzewgu fit-12 ta' Lulju 2003. Minn dan iz-zwieg kellhom tifel, Kenneth, li twieled fl-20 ta' April 2004. Bhala xoghol l-konvenut huwa xufier tal-linja filwaqt li l-attrici hija mara tad-dar.

Meta t-tifel kien ser jibda l-iskola kien gie ezaminat min-nurse ta' l-iskola illi irreferiet lit-tifel ghas-CDAU. Fis-sajf tas-sena 2008 it-tifel beda jattendi speech therapy u gie certifikat li kien qed ibati minn "Autism Spectrum Disorder". Dan kien xokk ghall-attrici u meta qalet lill-konvenut ma kienx irreagixxa. Lejn l-ahhar ta' Novembru 2008 il-konvenut li xi drabi ma jorqodx id-dar bl-iskuza illi wara x-xoghol kien qed ikun hafna ghajjien. Fil-jum ta' gheluq snin it-tifel li jahbat f'April, il-konvenut la mar lura d-dar mix-xoghol u lanqas kien cempel lit-tifel biex jawgura ta' gheluq sninu.

[1] Fol. 23

Wara dan l-incident l-attrici bdiet tahseb hazin u ghalhekk inkarigat private investigator li wara li ghamel l-investigazzjonijiet tieghu informa lill-attrici li kien jirrizulta li l-konvenut kellu relazzjoni ma' mara ohra u ta' dan ghaddielha ritratti u DVD.

Meta ftit snin wara kien gie lura d-dar l-attrici ikkonfrontatu u l-konvenut ma cahadx li kellu relazzjoni ma' mara ohra. Inqala' argument bejn il-partijiet u l-konvenut telaq mid-dar.

L-attrici kienet lesta li tahfirlu izda dan ma rritornax id-dar u l-affarijiet bejn il-partijiet marru ghall-aghar.

Minn Settembru 2011 l-attrici ma tafx fejn il-konvenut jinstab. Tispjega dawn l-ahhar sentejn hekk:-

"Nghid illi minn Settembru 2011 sal-lum ma nafx fejn jinsab C ghaliex minn dakinhar inqata' l-kuntatt kompletament, lanqas lit-tifel ma baqa' jara. Fil-fatt xhur ilu anke xi Pulizija kienu cempluli biex isaqsuni jekk nafx fejn jinsab ghaliex lanqas huma ma kienu jafu. Jien ghidtilhom li kont naf li ghamel zmien joqghod f'appartament ix-Xemxija, li huwa l-indirizz li ppruvajt ninnotifikah fih, izda mbaghad milli nista' nifhem ma baqax hemm u ma nafx fejn mar. Nghid ukoll, illi wara li zewgi qata' l-kuntatt minn mieghi u minn mat-tifel, qatt ma tani centezmu bhala manteniment. Qabel dan il-perjodu kien jaghtini ammonti zghar hafna, izda mbaghad, kif spjegajt, ma ghaddieli xejn aktar. Ghalhekk, l-ispejjez kollha waqghu fuqi, liema spejjez jinkludi dawk relatati mal-kundizzjoni tat-tifel u l-kera tal-appartament taghna. Nghid illi minn Novembru 2008 sal-lum, il-piz kollu tal-familja garrejtu wahdi, u jkolli nistqarr li dan xejn ma kien facli specjalment meta wiehed iqis illi rrid niehu hsieb lil ibni li jbati minn kundizzjoni serja u li jirrikjedi hafna attenzjoni. Jien min naha tieghi dejjem hadt hsieb l-interessi t'ibni u dejjem segwejt l-istruzzjonijiet li tawni l-professjonisti li qed isegwuh, fosthom billi dejjem niehu lil Kenneth ghas-sezzjonijiet u nsegwi l-izvilupp tieghu. Inhoss illi min-naha tieghi jien ghamilt minn kollox biex inzomm il-familja maghquda, avolja ma kontx jien illi zbaljajt u qbadt u tlaqt

mid-dar bhalma ghamel zewgi u nesa r-responsabbiltajiet tieghu lejn Kenneth.”

Mal-affidavit taghha l-attrici pprezentat nota[2] fejn elenkat l-assi formanti l-komunjoni tal-akkwisti ta’ bejn il-partijiet kif ukoll kwantifikat il-pretensjonijiet taghha fir-rigward tal-manteniment sew ghaliha kif ukoll ghall-minuri.  Ezebiet ukoll numru ta’ dokumenti rigwardanti l-kondizzjoni medika tal-minuri u l-kura li qed tinghatalu.[3]

Jirrizulta wkoll illi fil-21 ta’ Marzu 2011 il-kumpanija ZS Company Limited istitwiet proceduri kontra l-partijiet u gie prezentat sekwestru kawtelatorju numru 392/2011 ghall-valur ta’ tlieta u tletin elf, tlett mija u hamsa u sittin ewro (Euro.33,365). L-attrici ipprezentat dokument bid-data tad-9 ta’ Frar 2012[4] li skont l-attrici hija ricevuta iffirmata minn rapprezentanti tal-kumpanija imsemmija fejn qed jiccertifikaw li rcevew minghand l-attrici s-somma ta’ ghoxrien elf ewro (Euro.20,000) “ghas-saldu tal-pretensjoni taghna kif dedotti fil-kawza fl-ismijiet ZS Co Ltd vs C B et (Rikors 333/2011MC)”.

L-attrici sejhet bhala xhud rapprezentant tal-Bank of Valletta p.l.c. Romuald Attard, senior manager fl-ufficju legali tal-Bank of Valletta xhed, wara li gie ezentat mis-sigriet bankarju, dwar il-kontijiet bankarji tal-partijiet u ta dettalji taghhom u pprezenta *bank statements* dwar l-istess.  B’nota tas-7 ta’ Jannar 2013[5] l-attrici spjegat il-pretensjoni taghha fir-rigward tad-divizzjoni bejn il-partijiet tal-kontijiet bankarji.

Xhed ukoll rapprezentant tal-Malta Transport[6] u spjega illi l-ebda wahda mill-karrozzi tal-linja bin-numri rispettiv EBY-577 u DBY-331 ma kienu registrati fuq isem il-partijiet.

Ikkunsidrat;

[2] Fol. 26
[3] Fol. 29 et seq
[4] Fol. 50
[5] Fol. 102
[6] Fol. 105

**Responsabilita' ghat-Tkissir tas-Zwieg**.

Mix-xhieda mhux kontradetta tal-attrici jirrizulta illi z-zwieg tal-partijiet tfarrak unikament tort tal-konvenut minhabba li kkommetta adulterju u abbanduna l-familja.

**Kura u Kustodja tal-Minuri**.

Il-minuri ghandu bzonnijiet specjali tant li jattendi l-'Inspire' sabiex jircevi attenzjoni u ghajnuna specjalizzata. Ma rrizultax li l-missier qed juri xi interess fit-trobbija tat-tifel u ghalhekk ikun fl-ahjar interess tal-minuri li l-kura u kustodja tieghu tigi affidata esklussivament f'idejn l-attrici.

**Manteniment**.

Il-pretensjoni tal-attrici fir-rigward tal-manteniment giet specifikata fin-nota li tinsab a fol. 26 tal-process fejn l-attrici iddikjarat li bhala manteniment ghaliha qed tippretendi s-somma ta' mitt ewro (Euro.100) fix-xahar filwaqt li ghall-minuri qed tippretendi s-somma ta' erba' mitt ewro (Euro.400) fix-xahar.

Ghalkemm il-konvenut ma xehedx f'dawn il-proceduri, l-attrici xehdet illi l-konvenut huwa xufier tat-trasport pubbliku u jidher li anke innegozja zewg karrozzi tal-linja tant li terzi ipprocedew kontra l-partijiet in konnessjoni ma' negozju fir-rigward ta' zewg xarabanks.

Ghall-Qorti dan juri li l-konvenut ghandu dhul sufficjenti sabiex imantni sew lill-minuri kif ukoll lill-attrici illi ma tahdimx barra mid-dar izda trid tiehu hsieb minuri bi bzonnijiet specjali.

**Komunjoni tal-Akkwisti**.

Proprjeta' immobiljari ma rrizultax li hemm. Id-dar matrimonjali tikkonsisti f'appartament mikri 'furnished'. Peress li dan huwa l-fond li fih jghixu l-attrici u l-minuri, tali

kirja ghandha ddur fuq isem l-attrici esklussivament b'dan li l-konvenut jitlef kull dritt ta' inkwilinat li kellu fuq dan il-fond.

Hemm tlett vetturi: Karrozza tal-marka Citroen C3 bin-numru FBO-628 li qieghda fil-pussess tal-attrici.

Hemm ukoll zewg vannijiet wiehed tal-marka Toyota Hilux numru BBM-858 u l-iehor Transit numru AAD-592 li qeghdin fil-pussess tal-konvenut. L-attrici iddikjarat illi m'ghandhiex pretensjonijet fuq iz-zewg vannijiet kemm-il darba il-vettura Citroen tigi assenjata lilha.

Fic-cirkostanzi il-Qorti tordna li sehem il-konvenut mill-vettura tal-marka Citroen C3 numru FBO-628 jigi assenjat lill-attrici filwaqt li sehem l-attrici miz- zewg vannijiet wiehed tal-marka Toyota Hilux numru BBM-858 u l-iehor Transit numru AAD-592 jigi assenjat lill-konvenut.

Dwar il-kontijiet bankarji irrizultaw li hemm tlieta, wiehed f'isem l-attrici b'bilanc ta' zewg ewro, wiehed f'isem il-konvenut b'bilanc ta' wiehed u sittin ewro , u wiehed kongunt bejn il-partijiet b'bilanc ta' ghaxart elef ewro.

Ghalhekk il-Qorti qed tordna li l-ewwel zewg kontijiet bankarji ghandhom jigu assenjati f'isem min qeghdin intestati filwaqt li l-kont bankarju kongunt bin-numru 40019550488 ghandu jinqasam fi kwoti indaqs bejn il-partijiet.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi fil-kontumacja tal-konvenut:-

1. Tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali ta' bejn il-kontendenti u dan minhabba ragunijiet imputabbli unikament lill-konvenut.

2. Tilqa' t-tieni talba u tawtorizza lill-attrici tghix separata mill-konvenut.

3. Tilqa' t-tielet talba u tordna li l-kura u kustodja tal-minuri Kenneth tkun affidata esklussivament f'idejn l-attrici.

4. Tilqa' r-raba' talba u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici is-somma komplessiva ta' hames mitt ewro (Euro.500) fix-xahar rapprezenanti inkwantu ghal mitt ewro (Euro.100) fix-xahar bhala manteniment ghall-attrici u in kwantu ghall-erba' mitt ewro (Euro.400) fix-xahar bhala manteniment ghall-minuri Kenneth B.

Il-manteniment jizdied kull sena skont l-indici tal-gholi tal-hajja u jibqa' jithallas fir-rigward tal-minuri sakemm jaghlaq tlieta u ghoxrien (23) sena jekk jibqa' jsegwi kors ta' studju full-time.

5. Tilqa' l-hames talba u tapplika kontra l-konvenut is-sanzjonijiet kontemplati bl-artikoli 48 et sequitur tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u tistabbilixxi d-data tal-1 ta' April 2009 bhala d-data li fiha z-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser irrimedjabilment tort unikament tal-konvenut.

6. Tilqa' s-sitt talba u tordna li l-kirja tal-appartament flat numru tnejn (2), Klams Apartments, Triq Nikol Cottoner, Gzira, tigi assenjata fl-intier taghha esklussivament lill-attrici.

7. Tilqa' s-seba' talba, ixxolji l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tillikwida u taqsam l-istess f'zewg porzjonijiet bil-mod spjegat aktar qabel taht l-intestatura "Komunjoni tal-Akkwisti".

8. Tichad it-tmien talba in kwantu ma rrizultawx effett parafernali.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------